

Brussell, 18 ta' Mejju 2018
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0129 (COD)**

9040/18
ADD 4

TRANS 208
IA 136

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 17 ta' Mejju 2018

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-
Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: SWD(2018) 176 final

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI
jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza
fl-infrastruttura tat-toroq

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2018) 176 final.

Mehmuż: SWD(2018) 176 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.5.2018
SWD(2018) 176 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva
2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq**

{COM(2018) 274 final} - {SEC(2018) 226 final} - {SWD(2018) 175 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-Impatt dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq u d-Direttiva 2004/54/KE dwar il-ħtiġijiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq

A. Ftieġa għal azzjoni

X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?

Minkejja azzjoni kontinwa fil-livelli tal-UE, nazzjonali u lokali, it-tnaqqis tal-fatalitajiet fit-toroq fl-UE jidher li staġna fis-snin riċenti, u jidher li x'aktarx l-oġettiv strateġiku tal-UE li jitnaqqsu bin-nofs il-fatalitajiet fit-toroq sal-2020 meta mqabbel mal-2010 mhux se jintlaħaq. Hemm bżonn li tittieħed azzjoni msaħħa fl-oqsma kollha, inkluż f'dak li jirrigwarda l-infrastruttura tat-toroq, li tibqa' kawża kbira tal-ħabtiet u tal-gravità tagħhom f'madwar 30 % tal-aċċidenti. Il-valutazzjoni tal-impatt u l-konsultazzjonijiet identifikaw żewġ problemi ewlenin: Sehem kbir tal-vjaġġi fuq in-netwerk TEN-T fil-Lvant u xi sehem fil-Punent tal-Ewropa isir fuq toroq bi prestazzjoni baxxa tas-sikurezza; u s-sikurezza inerenti tat-toroq barra n-netwerk tat-TEN-T hija baxxa. Hemm differenzi kbar bejn il-prestazzjoni globali tas-sikurezza tat-toroq fl-Istati Membri tal-UE tal-Lvant u dawk tal-Punent.

X'għandu jinkiseb?

L-għan ġenerali tal-inizjattiva huwa li jitnaqqsu l-fatalitajiet u l-korrimenti serji fin-netwerks tat-toroq tal-UE billi tittejjeb il-prestazzjoni tas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq. L-erba' oġettivi speċifiċi huma: 1) Li jitrawmu l-armonizzazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien bejn l-Istati Membri dwar il-proċeduri u r-rekwiżiti; 2) Il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli tat-triq; 3) It-titjib fl-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda; u 4) It-titjib tal-azzjonijiet ta' segwitu għas-sejbiet ta' proċeduri ta' ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

Ġeneralment ir-riperkussjonijiet negattivi tat-trasport bit-triq, inklużi l-f u l-korrimenti fit-toroq u l-konġestjoni u t-tniġġis huma problemi transkonfinali li ma jistgħux jissolvew b'azzjoni nazzjonali jew b'azzjoni lokali biss. Il-benefiċċji ewlenin ta' azzjoni tal-UE fil-kuntest ta' din l-inizjattiva joħorġu mill-konverġenza lejn livelli ogħla ta' sikurezza tal-infrastruttura madwar l-UE. L-ivvjaġġar fit-toroq fl-UE kollha mistenni jsir aktar sikur, billi l-pajjiżi bi prestazzjoni anqas tajba ser ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-esperjenza ta' pajjiżi aktar avvanzati. L-iffissar ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni ġenerali fl-UE kollha, pereżempju tal-marki u s-sinjali tat-toroq, se jiffaċilita u jħaffef l-implimentazzjoni ta' elementi ta' sikurezza ġodda li jiddependu fuq il-karatteristiċi tal-infrastruttura tat-toroq, bħall-assistenza kontra l-ħruġ mill-karreġġata. Bħal fil-każ tal-utenti vulnerabbli tat-triq, it-teħid ta' azzjoni fil-livell tal-UE se jiżgura li l-programmi tal-valutazzjoni tat-toroq jivvalutaw b'mod separat is-sikurezza tal-utenti vulnerabbli tat-toroq, bil-għan li tittejjeb is-sikurezza tagħhom fuq in-netwerk tat-toroq primarji fl-UE.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma l-alternattivi varji biex jintlaħqu l-oġettivi? Hemm alternattiva ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?

L-alternattivi applikabbli għan-netwerk tat-TEN-T (Alternattivi ta' Politika 1-3) u dawk applikabbli għal parti min-netwerk lil hinn mit-TEN-T (Alternattivi ta' Politika A-C) ġew ivvalutati separatament.

Alternattivi ta' Politika għan-netwerk tat-TEN-T

- **AP 1** tikkonsisti f'miżuri "rotob" biex tiġi mħeġġa l-kondiviżjoni tal-għarfien, flimkien ma' miżuri leġiżlattivi biex tittejjeb it-trasparenza tal-proċeduri u biex jiddaħħlu rekwiżiti li jiffokaw fuq il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-utenti vulnerabbli tat-triq, kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni ta' miżuri ġodda. Toħloq ukoll interfaċċja mtejjba bejn id-Direttiva dwar il-Ġestjoni tas-Sikurezza fl-Infrastruttura tat-Toroq (RISM) u d-Direttiva dwar is-Sikurezza tal-Mini.

- **AP 2** tibni fuq l-Alternattiva 1 u żżid azzjoni ta' segwitu obligatorja permezz ta' pjanijiet ta' prijoritizzazzjoni abbażi tar-riskju, spezzjonijiet tas-sikurezza tan-netwerk kollu u rekwiżiti ġenerali ta' prestazzjoni għall-marki u s-sinjali tat-toroq.

- **AP 3** tibni fuq l-Alternattiva 2 u żżid il-livell minimu ta' sikurezza li għandu jintlaħaq fuq it-toroq tat-TEN-T, flimkien ma' definizzjoni tar-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni addizzjonali għall-għamara tat-toroq (eż. barrikati tat-triq għall-motoċiklisti).

Alternattivi ta' Politika għan-netwerk li mhux tat-TEN-T

- **AP A** tagħmel kwalunkwe proġett tat-toroq fuq in-netwerk nazzjonali tat-toroq li huwa ffinanzjat

| |
|--|
| <p>kompletament jew parzjalment minn fondi tal-UE soġġett għall-proċeduri preskritti mid-Direttiva tar-RISM.</p> <p>- AP B tagħmel il-proċeduri tad-Direttiva tar-RISM attwali mandatorji għat-toroq nazzjonali/primarji barra mit-TEN-T.</p> <p>- AP C hija msejsa fuq l-Alternattiva ta' Politika B u testendi l-miżuri tal-Alternattiva ta' Politika 2 għat-toroq nazzjonali/primarji barra mit-TEN-T.</p> <p>L-alternattivi ppreferuti huma AP 2 u AP C. Dawn iż-żewġ alternattivi jistgħu jiġu kkombinati.</p> |
| <p>X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Min jappoġġa liema għażla?</p> <p>Il-miżuri mmirati biex itejbu t-trasparenza u s-segwitu kif ukoll biex jindirizzaw aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti vulnerabbli tat-triq għandhom appoġġ wiesa'. Hemm ukoll attitudni miftuħa lejn l-idea ta' spezzjonijiet tan-netwerk kollu. Madankollu xi Stati Membri esprimew tħassib dwar l-obbligu ta' livell minimu ta' sikurezza għat-TEN-T, speċjalment f'termini tal-kostijiet u tal-metodoloġija li għandha tintuża. L-estensjoni tal-kamp tal-applikazzjoni lil hinn mit-TEN-T kien l-aktar proposta kontroversjali — ċerti NGOs u negozji qalu li jippreferu estensjoni filwaqt li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jippreferu li jżommu l-applikazzjoni limitata għat-TEN-T.</p> |
| <p>C. Impatti tal-alternattiva ppreferuta</p> |
| <p>X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)?</p> <p>Il-kombinazzjoni tal-Alternattivi ta' Politika 2 u C hija mistennija li jkollha l-impatti li ġejjin:</p> <p>- Impatt pożittiv f'termini ta' tnaqqis stmat tal-imwiet fit-toroq b'madwar 3 200 ruħ u tnaqqis stmat ta' 20 700 fil-korrimenti serji matul il-perjodu 2020-2030 meta mqabbel mal-linja bażi (14 650 ħajja salvata u 97 502 korrimenti serji evitat fl-2020-2050).</p> <p>- Segwitu xieraq tal-proċeduri RISM b'mod ġenerali u spezzjonijiet tan-netwerk kollu. B'mod partikolari, se jirriżultaw f'bosta interventi fuq skala żgħira li jissejsu fuq in-netwerk tat-toroq koperti. Dawn l-attivitajiet tipikament jitwettqu mill-SMEs, li għalhekk aktarx li jibbenefikaw minn din l-inizjattiva.</p> <p>- Il-miżuri jista' jkollhom ukoll impatti ambjentali pożittivi żgħar. Tnaqqis fil-ħabtiet jista' jwassal għal titjib marġinali fil-fluss ġenerali tat-traffiku. Dan jista' jnaqqas il-konġestjoni u b'hekk il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet fl-arja. Madankollu, dawn l-impatti huma mistennija li jkunu limitati ħafna u b'hekk mhumiex kwantifikati.</p> |
| <p>X'inhuma l-kostijiet tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)?</p> <p>Dawn huma stmati għal 9 444 miljun euro b'riżultat tal-implimentazzjoni tal-proċeduri rilevanti u t-titjib meħtieġ tan-netwerk tat-toroq.</p> |
| <p>X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?</p> <p>L-SMEs x'aktarx jibbenefikaw minn din l-inizjattiva (ara hawn fuq). Minħabba n-natura tal-attivitajiet relattivament lokalizzati, mhumiex mistennija impatti fuq il-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE.</p> |
| <p>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</p> <p>Iva, il-kostijiet tal-inizjattiva għandu jaqa' fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Madankollu, il-kostijiet se jgħallhom ferm il-benefiċċji soċjali tal-inizjattiva.</p> |
| <p>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?</p> <p>Le.</p> |
| <p>Proporzjonalità?</p> <p>L-għażla preferuta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tissolva l-problema oriġinali u biex jintlaħqu l-għanijiet tal-inizjattiva. L-estensjoni tal-ambitu lil hinn mit-TEN-T huwa proporzjonat għaliex jimmira li jolqot 15 % tat-tul tan-netwerk tat-toroq, li jikkorrispondi għal madwar 39 % tal-fatalitajiet fit-toroq tal-UE. Biex tkompli tiġi żgurata l-proporzjonalità, l-Istati Membri se jkunu involuti fid-definizzjoni eżatta tan-netwerk tat-toroq ikkonċernat.</p> |
| <p>D. Segwitu</p> |
| <p>Meta se tiġi rieżaminata l-politika?</p> <p>Ladarba l-qafas leġislativ għdid isir applikabbli kollu kemm hu, is-servizzi tal-Kummissjoni se jwettqu evalwazzjoni biex jivverifikaw jekk l-oġġettivi ntlaħqux. Din l-evalwazzjoni, ibbażata fuq il-klassifikazzjoni tas-sikurezza tat-toroq koperti mill-proċeduri, l-indikatur ewleni tal-progress definit fil-valutazzjoni tal-impatt, hija maħsuba biex tiddetermina jekk il-miżuri l-ġodda rriżultawx f'titjib tas-sitwazzjoni.</p> |